

Brussell, 6 ta' Marzu 2026
(OR. en)

6939/26

CO EUR-PREP 11
POLGEN 54
ECOFIN 282
EMPL 53
SOC 128
COMPET 265
MI 201
ENV 186
IND 159

NOTA

minn: Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill
lil: Delegazzjonijiet

Suġġett: Semestru Ewropew 2026 - Rapport ta' sinteżi

Id-delegazzjonijiet isibu mehmuż ir-rapport ta' sinteżi mħejji mill-Presidenza dwar il-konklużjonijiet adottati mill-Kunsill dwar ir-Rapport dwar il-Mekkaniżmu ta' Twissija, ir-Rapport Konġunt dwar l-Impjiegi u r-Rakkomandazzjoni dwar il-politika ekonomika taż-żona tal-euro. Id-diskussjonijiet relatati li saru f'konfigurazzjonijiet differenti tal-Kunsill fir-rigward tas-Semestru Ewropew tal-2026, matul l-ewwel fażi taċ-ċiklu, huma riflessi wkoll fid-dokument.

Sfond

Fil-25 ta' Novembru, il-Kummissjoni ppubblikat il-Pakkett tal-Ħarifa tas-Semestru Ewropew għall-2026, inkluż:

- ir-Rapport dwar il-Mekkaniżmu ta' Twissija 2026¹, li għandu l-għan li jiffaċilita l-identifikazzjoni bikrija u l-monitoraġġ tal-iżbilanċi, beda ċ-ċiklu annwali tal-proċedura ta' żbilanċ makroekonomiku;
- ir-rakkomandazzjoni għal Rakkomandazzjoni tal-Kunsill dwar il-politika ekonomika taż-żona tal-euro² (ir-rakkomandazzjoni taż-żona tal-euro) għall-2026 li rakkomandat li l-Istati Membri taż-żona tal-euro għandhom jaġixxu, individwalment u kollettivament, fi ħdan il-Grupp tal-Euro, b'enfasi fuq l-iżgurar tas-**sostenibbiltà fiskali** filwaqt li jinħoloq spazju għal **investimenti ewlenin**, inkluż dwar id-difiża u l-kompetittività, flimkien mat-titjib tal-effiċjenza tal-finanzi pubbliċi u t-tlestija tal-Pjanijiet għall-Irkupru u r-Reżiljenza;
- rakkomandazzjoni dwar il-kapital uman fl-Unjoni Ewropea³ li tappella lill-Istati Membri biex jindirizzaw in-nuqqas ta' ħiliet f'setturi strateġiċi, isaħħu l-ħiliet bażiċi, l-edukazzjoni u t-taħriġ vokazzjonali (VET), itejbu l-eżiti tal-edukazzjoni terzjarja fl-oqsma tax-xjenza, it-teknoloġija, l-inġinerija u l-matematika (STEM), jinvestu fl-edukazzjoni, it-taħriġ u l-ħiliet biex joħlqu pedament sod għal produttività, kompetittività u sovranità diġitali oġhla. L-Istati Membri huma mitluba wkoll itejbu u jużaw aħjar l-informazzjoni dwar il-ħiliet biex jiffaċilitaw it-tranżizzjonijiet fis-suq tax-xogħol. Din kienet l-ewwel darba li din ir-Rakkomandazzjoni ġiet ippreżentata mill-Kummissjoni. L-Istati Membri għandhom jieħdu dawn l-azzjonijiet fil-perjodu 2026-2027;
- l-abbozz ta' Rapport Konġunt dwar l-Impjiegi⁴ li jipprovdi, kull sena, ħarsa ġenerali lejn l-iżviluppi ewlenin soċjali u b'rabta mal-impjiegi fl-UE, kif ukoll lejn l-azzjonijiet tal-Istati Membri biex jimplementaw Linji Gwida dwar l-Impjiegi.

1 16141/25

2 16145/25

3 15278/25

4 15277/25

Għaċ-ċiklu tal-2026, il-Kummissjoni ma ppubblikatx l-Istħarriġ Annwali dwar it-Tkabbir Sostenibbli (ASGS), kif kien il-każ fl-2025.

Fin-nuqqas ta' ASGS, u sabiex ikun hemm konformità mal-Artikolu 148(1) TFUE, li jirrikjedi li l-Kunsill Ewropew kull sena jikkunsidra l-qagħda tal-impjiegi fl-Unjoni u jadotta konklużjonijiet dwarha, il-Kunsill mistenni jadotta konklużjonijiet dwar ir-Rapport Konġunt dwar l-Impjiegi.

Fl-20 ta' Jannar 2026, il-Kunsill ECOFIN approva **konklużjonijiet dwar ir-Rapport dwar il-Mekkaniżmu ta' Twissija 2026**⁵, fejn iddikjara l-qbil tiegħu mal-valutazzjoni ġenerali tad-dokument rigward l-evoluzzjoni tal-iżbilanċi makroekonomiċi u r-riskji emerġenti.

Il-konklużjonijiet enfasizzaw l-importanza tat-tkomplija tal-implimentazzjoni tal-Proċedura ta' Żbilanċ Makroekonomiku fis-sejbien, il-prevenzjoni u l-korrezzjoni ta' żbilanċi li jaffettwaw negattivament, jew għandhom il-potenzjal li jaffettwaw negattivament, il-funzjonament tajjeb tal-ekonomija ta' Stat Membru, l-unjoni ekonomika u monetarja, jew l-UE kollha kemm hi.

Il-Kunsill appella għat-tkomplija tal-implimentazzjoni effettiva u effiċjenti tal-Proċedura ta' Żbilanċ Makroekonomiku, flimkien mal-qafas ta' governanza ekonomika riformat, inkorporat fis-Semestru Ewropew. L-Istati Membri huma mitluba jwettqu azzjoni politika f'waqtha mmirata lejn it-tnaqqis tal-vulnerabbiltajiet makroekonomiċi, inkluż billi jimplementaw riformi u investimenti biex jindirizzaw rakkomandazzjonijiet speċifiċi għall-pajjiż, skont is-Semestru Ewropew, b'mod partikolari dawk relatati mal-Proċedura ta' Żbilanċ Makroekonomiku.

Il-Kunsill ħa nota wkoll tal-intenzjoni tal-Kummissjoni li tħejji analiżi fil-fond għas-seba' Stati Membri li ġew identifikati bħala li qed jesperjenzaw żbilanċi jew żbilanċi eċċessivi fir-rebbiegħa tal-2025. Għal erba' Stati Membri oħra, il-Kummissjoni kkonkludiet li diversi żviluppi jistħoqqilhom attenzjoni wkoll, anke jekk ma jiġġustifikawx analiżi fil-fond f'dan l-istadju. Dan jinkludi, b'mod partikolari, żidiet akkumulati fil-prezzijiet matul l-aħħar snin u ż-żieda qawwija kontinwa fil-kostijiet ta' unità lavorattiva li huma ta' piż fuq il-kompetittività tal-kostijiet. Barra minn hekk, żidiet rapidi fil-prezzijiet tad-djar u t-tkabbir tal-kreditu jeħtieġu monitoraġġ mill-qrib.

⁵ 5239/26

Fis-17 ta' Frar 2026, il-Kunsill ECOFIN approva wkoll l-abbozz ta' **Rakkomandazzjoni tal-Kunsill dwar il-politika ekonomika taż-żona tal-euro**⁶ għall-2026.

Dawn ir-rakkomandazzjonijiet tal-2026 jiffukaw fuq **l-iżgurar tas-sostenibbiltà fiskali filwaqt li jinħoloq spazju għal investimenti ewlenin**, inkluż dwar **id-difiża u l-kompetittività**, flimkien mat-titjib tal-effiċjenza tal-finanzi pubbliċi u t-tlestija tal-Pjanijiet għall-Irkupru u r-Reżiljenza.

Ir-rakkomandazzjonijiet jenfasizzaw ukoll il-**ħtieġa li tingħata prijorità lill-investment pubbliku u privat** fir-riċerka u l-innovazzjoni, id-dekarbonizzazzjoni industrijali, l-enerġija nadifa u t-tranżizzjoni diġitali, is-sigurtà ekonomika u t-tnaqqis tad-dipendenzi strateġiċi tul il-ktajjen tal-valur, filwaqt li jenfasizzaw l-importanza li jitneħħew l-ostakli fis-Suq Uniku, inkluż permezz ta' **simplifikazzjoni regolatorja**.

Ir-rakkomandazzjonijiet jappellaw għat-**tisħiħ tas-swieq tax-xogħol** billi tingħata spinta lill-ħiliet, jittejbu l-eżiti tal-edukazzjoni, tiżdied il-parteċipazzjoni, tiġi appoġġata l-kwalità tal-impjiegi u **jiġu indirizzati l-faqar u l-affordabbiltà tal-akkomodazzjoni**, filwaqt li jiġi żgurat li t-**tkabbir fil-pagi** jibqa' allinjat mal-produttività.

Fl-aħħar nett, huma jippromwovu l-**ħolqien ta' Unjoni Ewropea tat-Tfaddil u tal-Investimenti** u jissottolinjaw il-ħtieġa li **jiġi avvanzat il-proġett tal-euro diġitali**, jissaħħaħ ir-rwol internazzjonali tal-euro, u jiġu mmonitorjati r-riskji makrofinanzjarji.

⁶ 5732/26

Fid-9 ta' Marzu, il-Kunsill EPSCO adotta r-Rapport Konġunt dwar l-Impjiegi 2026 u approva l-Konklużjonijiet ibbażati fuqu, adotta r-**Rakkomandazzjoni dwar il-kapital uman fl-Unjoni Ewropea** u approva l-aspetti tal-impjieg u dawk soċjali tal-abbozz ta' **Rakkomandazzjoni tal-Kunsill dwar il-politika ekonomika taż-żona tal-euro**.

Dwar l-aspetti tal-impjieg u dawk soċjali tal-abbozz ta' **Rakkomandazzjoni tal-Kunsill dwar il-politika ekonomika taż-żona tal-euro**, l-Istati Membri estendew il-gruppi sottorappreżentati biex jinkludu persuni b'livell baxx ta' ħiliet, migranti, u persuni b'diżabilità. Barra minn hekk, l-Istati Membri enfasizzaw li t-tfal għandhom jissemmew b'mod speċifiku fir-rigward tat-tnaqqis tal-faqar peress li t-tfal huma affettwati b'mod differenti u miżuri speċifiċi huma meħtieġa biex tiġi indirizzata s-sitwazzjoni tagħhom. Il-kwistjoni sottostanti hija r-riskju ta' trażmissjoni tal-faqar u n-nuqqas ta' emanċipazzjoni bejn il-ġenerazzjonijiet. L-istereotipi marbuta mal-ġeneru għandhom jiġu indirizzati meta ssir enfasi fuq STEM (xjenza, teknoloġija, inġinerija u matematika) biex tiġi sostnuta l-kompetittività.

L-adozzjoni tar-**Rakkomandazzjoni tal-Kunsill dwar il-politika ekonomika taż-żona tal-euro** għandha ssir wara l-approvazzjoni mill-Kunsill Ewropew tad-19 u l-20 ta' Marzu 2026.

Skambju ta' fehmiet

F1-1 ta' Diċembru 2025, il-Kunsill **EPSCO** kellu skambju ta' fehmiet taħt is-Semestru Ewropew li kien iddedikat għall-"Promozzjoni tal-inklużjoni soċjali u l-koeżjoni permezz ta' politiki soċjali u tal-akkomodazzjoni koerenti". Kważi l-ministri kollha enfasizzaw il-ħtieġa li l-EPSCO jkollu rwol b'saħħtu fil-proċess tas-Semestru, u li jrid jinstab il-bilanċ it-tajjeb fil-koordinazzjoni bejn l-aspetti ekonomiċi, tal-impjiegi u dawk soċjali. Huma talbu pjan direzzjonali prevedibbli u realistiku tas-Semestru li jippermetti tħejjija u involviment xieraq tal-EPSCO.

L-akkomodazzjoni tqieset bħala element essenzjali ta' kwalunkwe politika ta' assistenza soċjali. Politiki effettivi tal-akkomodazzjoni jeħtieġ li jiġu kkomplementati mill-forniment ta' servizzi bażiċi, il-protezzjoni soċjali, l-edukazzjoni u l-impjiegi. L-għoti ta' dar hija prerekwiżit għall-inklużjoni soċjali ta' gruppi partikolari ta' persuni, bħaż-żgħażaġh, il-persuni mingħajr dar u l-persuni f'sitwazzjoni vulnerabbli.

Fil-11 ta' Diċembru 2025 il-**Grupp tal-Euro** evalwa l-aħħar żviluppi makroekonomiċi u qasam xi fehmiet dwar il-politiki taż-żona tal-euro mal-Fond Monetarju Internazzjonali (FMI).

Matul il-laqgħa tal-Kunsill **ECOFIN** tat-12 ta' Diċembru, il-ministri ddiskutew ir-**rapport dwar il-mekkaniżmu ta' twissija 2026**. Huma kellhom ukoll skambju ta' fehmiet dwar l-**abbozz ta' rakkomandazzjoni għaż-żona tal-euro**, maħruġ fl-istess jum. Din ir-rakkomandazzjoni tindirizza kwistjonijiet ewlenin għall-funzjonament taż-żona tal-euro.

Fid-9 ta' Marzu 2026, il-Kunsill **EPSCO** kellu skambju ta' fehmiet li ffoka fuq it-triq mill-innovazzjoni għal impjiegi ta' kwalità u kif l-IA tista' tintuża biex jissaħħu l-impjiegi ta' kwalità u d-drittijiet tal-ħaddiema.

Filwaqt li rrikonoxxiet id-dimensjoni Parlamentari tas-Semestru Ewropew, il-Presidenza organizzat b'mod konġunt mal-Parlament Ewropew il-Ġimgħa Parlamentari tas-Semestru Ewropew 2026 (23-24 ta' Frar 2026) dwar id-direzzjoni ekonomika, l-għażliet baġitarji u l-prijoritajiet soċjali tal-Unjoni.